



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Lulju 2021
(OR. en)

9762/21
PV CONS 16
SOC 397
EMPL 293
SAN 398
CONSOM 135

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

14 u 15 ta' Ġunju 2021

WERREJ

Pàgna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	4
2.	Approvazzjoni ta' punti "A"	4
	a) Lista mhux leġislattiva	
	b) Lista leġislattiva	

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Deliberazzjonijiet leġislattivi

3.	Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea	6
4.	Direttiva dwar miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi	6
5.	Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19)	7

Attivitajiet mhux leġislattivi

6.	Segwitu tas-Summit Soċjali ta' Porto – il-passi li jmiss għall-Kunsill EPSCO	7
7.	Semestru Ewropew	
	a) Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2020 u dawk rilevanti tal-2019 - Opinjonijiet tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS)	7
	b) Opinjonijiet tal-EMCO u l-KPS dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali Riveduta	8
8.	Konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport dwar il-Kura fit-Tul tal-2021 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea	8
9.	Konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport tal-2021 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea	7
10.	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal	8
11.	Konkluzjonijiet dwar it-Telexogħol	9
12.	Konklużjonijiet dwar l-impatt soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri	9
13.	Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (2021-2030)	9
14.	Sfidi Ġodda għad-Djalogu Soċjali u n-Negożjar Kollettiv	9

Affarijiet oħra

15.	a)	Proposti leġiżlattivi attwali	10
	i)	Direttiva dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-kumpanniji	
	ii)	Direttiva dwar il-karċinoġeni u l-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, ir-raba' sett	
	iii)	Reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-Koordinazzjoni tas-sistemi tas-Sigurtà Soċjali (883/04 u 987/09)	
	b)	Summit Soċjali ta' Porto (7 u 8 ta' Mejju 2021) 10	
	c)	Konferenzi tal-Presidenza	10
	d)	Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Ġlieda kontra l-Problema ta' Persuni Mingħajr Dar – prijetà għall-Ewropa Soċjali tagħna. Tnedija tal-Pjattaforma Ewropea (Lisbona, 21 ta' Ġunju 2021)	10
	e)	Kumitat ta' Monitoraġġ tad-Dikjarazzjoni tal-Lussemburgu (Cascais, 13 ta' Lulju 2021).	11
	f)	Implimentazzjoni tal-Pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu.....	11
	g)	Ix-xahar Ewropew tad-Diversità	11
	h)	Implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ.....	11
	i)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	11

SAĦĦA

16.	Regolament dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-tħejjija għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi.....	12
17.	Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard	12
18.	Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE.....	12
19.	Konklużjonijiet dwar l-Aċċess għall-mediċini u l-apparat mediku għal UE aktar b'Saħħitha u Reżiljenti.....	12
20.	Covid-19: Aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-pandemija.....	13

Affarijiet oħra

21.	a)	Proposti leġiżlattivi attwali	13
	b)	Inizjattivi globali tas-saħħa	13
	c)	Azzjoni Konġunta dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (JAMRAI) u s-sitwazzjoni attwali dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi.	13
	d)	Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Apparati Mediċi	14
	e)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	14

ANNEX -	Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	15
---------	--	----

LAQGĦA NHAR IT-TNEJN 14 TA' ĠUNJU 2021

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 9564/21.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva

9565/21

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 9565/21 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

9566/21

Sajd

1. **Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)**



9366/21 + ADD 1-2
6975/21

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-09.06.2021

+ REV 1 (lt)
+ REV 2 (hr)
+ ADD 1
PECHE

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bl-Iżveżja tivvota kontra u l-Litwanja tastjeni. (Bażi legali: L-Artikoli 42, 43(2), 91(1), 100(2), 173(3), 175, 188, 192(2), 194(2), 195(2) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Trasport

2. **Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)**



9364/21 + ADD 1-2
6115/21

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-09.06.2021

+ REV 1 (et)
+ ADD 1
TRANS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill. (Bażi legali: l-Artikoli 172 u 194 TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

3. **Direttiva dwar ir-razzjonalizzazzjoni ta' miżuri li jmexxu 'l quddiem it-twetliq tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)**  9365/21
10537/20 + ADD 1
TRANS

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-09.06.2021

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill. (Bażi legali: l-Artikolu 172 TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

4. **Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF)**  9319/1/21 REV 1
9319/21 ADD 1 +
ADD 1 COR 1
6488/21 + ADD 1
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jivvutaw kontra. (Bażi legali: l-Artikoli 82(1), 84 u 87(2) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

5. **Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)**  9317/1/21 REV 1
9317/21 ADD1
6486/21
+ REV 1 (ro)
+ ADD 1
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, bl-Ungerija tivvota kontra u l-Awstrija tastjeni. (Bażi legali: l-Artikoli 78(2), 79(2) u 79(4) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

6. **Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-
Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ
Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-
Viżi (BMVI)**

*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-
dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-09.06.2021



9318/1/21 REV 1
9318/21 ADD 1
6487/21
+ REV 1 (ro)
+ COR 1 (cs)
+ ADD 1
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill. (Bażi legali: l-Artikoli 77(2) u 79(2) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

IMPJIEGI U POLITIKA SOĠJALI

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea**

Rapport ta' progress
Dibattitu ta' orjentazzjoni



9142/21 + COR 1
(EN)
9143/21
12477/20

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE li jinsab fid-dok. 9142/21 + COR 1 u kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar dan is-suġġett iggwidat min-nota tal-Presidenza fid-dok. 9143/21. Filwaqt li enfasizzaw l-importanza ta' pagi minimi ġusti u l-ħtieġa li tiġi rispettata l-varjetà tas-sistemi nazzjonali, il-Ministri qablu b'mod ġenerali li l-proposta teħtieġ aktar ħidma, b'mod partikolari sabiex jiġu ċċarati l-kunċetti u t-terminoloġija sottostanti.

4. **Direttiva dwar miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi**

Rapport ta' progress



9053/2/21 REV 2
6750/21
+ COR 1 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar id-Direttiva dwar miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi li jinsab fid-dok. 9053/2/21 REV 2.

5. Direttiva dwar it-trattament ugwali (Artikolu 19)

 9109/21
11531/08

Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar id-Direttiva dwar trattament ugwali kif jinsab fid-dok. 9109/21. Għadd ta' delegazzjonijiet u l-COM laqgħu l-pakkett ta' kompromess komprensiv tal-Presidenza u appellaw għal aktar diskussjoni taħt il-Presidenza Slovena. Fl-intervent tagħha, id-delegazzjoni Slovena affermat l-impenn tagħha għal din il-ħidma.

Attivitajiet mhux leġislattivi

6. Segwitu tas-Summit Soċjali ta' Porto – il-passi li jmiss għall-Kunsill EPSCO

 9140/21

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-segwitu tas-Summit Soċjali ta' Porto, iggwidat min-nota tal-Presidenza fid-dok. 9140/21. Filwaqt li laqgħu s-Summit Soċjali ta' Porto bħala avveniment ewlieni li jniedi mill-ġdid l-Ewropa soċjali, u b'mod partikolari t-tliet miri ewlenin ġodda fil-livell tal-UE (dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar) fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li għandhom jiġu tradotti f'miri nazzjonali, il-Ministri qablu li l-miri nazzjonali għandhom jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali. Il-Ministri esprimew ix-xewqa li jirritornaw malajr għaċ-ċiklu abitwali sħiħ tas-Semestru Ewropew.

7. Semestru Ewropew

a) Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2020 u dawk rilevanti tal-2019 - Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS)

 9147/21

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2020 u dawk rilevanti tal-2019, kif tinsab fid-dok. 9147/21.

- b) **Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali Riveduta**
Approvazzjoni

 9314/21

Il-Kunsill approva l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali Riveduta, kif tinsab fid-dok. 9314/21.

8. **Konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport dwar il-Kura fit-Tul tal-2021 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea**
Approvazzjoni

 9144/21
+ ADD 1-2

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport dwar il-Kura fit-Tul tal-2021 kif jinsabu fid-dok. 9144/21.

9. **Konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport tal-2021 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea**
Approvazzjoni

 9145/21
+ ADD 1-2

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2021 kif jinsabu fid-dok. 9145/21.

10. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(2) u l-Artikolu 153(1)(j) tiegħu)
Adozzjoni

  9106/21 +
9106/1/21 REV 1
(DE)
9149/21 + ADD 1
7411/21 + COR 1

Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal, kif tinsab fid-dok. 9106/21. Id-dikjarazzjoni tal-Polonja tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti.

11. Konkluzjonijiet dwar it-Telexoghol

 9131/21

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 9131/21.

12. Konklużjonijiet dwar l-impatt soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

 8878/21 + ADD 2

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 8878/21. Id-dikjarazzjoni tal-Polonja tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti.

13. Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (2021-2030)

 9127/21 + ADD 1

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 9127/21. Id-dikjarazzjoni tal-Polonja tinsab fl-Anness għal dawn il-minuti.

14. Sfidi Ġodda għad-Djalogu Soċjali u n-Negożjar Kollettiv

 9141/21 + COR 1

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-isfidi l-ġodda għad-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv abbażi ta' nota ta' gwida li tinsab fid-dok. 9141/21 + COR 1. Il-Ministri kkondividew prattiki tajba fl-iżvilupp ta' pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u kkondividew prattiki tajba tal-involviment tas-sħab soċjali fil-proċess. Il-Ministri enfasizzaw id-dritt għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha, inkluż il-ħaddiema atipiċi.

Affarijiet oħra

15. a) **Proposti leġislattivi attwali** 
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8)
tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- i) **Direttiva dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-
bordijiet tal-kumpanniji** 16433/12
Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali
- ii) **Direttiva dwar il-karċinoġeni u l-mutaġeni fuq
il-post tax-xogħol, ir-raba' sett** 11188/20
+ ADD 1
Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali
- iii) **Reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-
Koordinazzjoni tas-sistemi tas-Sigurtà Soċjali
(883/04 u 987/09)** 15642/16
+ ADD 1 REV 1
Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u tal-intervent mill-Kummissjoni.
- b) **Summit Soċjali ta' Porto (7 u 8 ta' Mejju 2021)** 
Informazzjoni mill-Presidenza
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u tal-intervent mill-Kummissjoni.
- c) **Konferenzi tal-Presidenza** 
Informazzjoni mill-Presidenza
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.
- d) **Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Ġlieda kontra l-
Problema ta' Persuni Mingħajr Dar – prijorità għall-
Ewropa Soċjali tagħna. It-tnedija tal-Pjattaforma
Ewropea
(Lisbona, 21 ta' Ġunju 2021)** 
Informazzjoni mill-Presidenza
- Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u tal-intervent mill-Kummissjoni.

- e) **Kumitat ta' Monitoraġġ tad-Dikjarazzjoni tal-Lussemburgu**
(Cascais, 13 ta' Lulju 2021)
Informazzjoni mill-Presidenza



Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u tal-intervent mill-Kummissjoni.

- f) **Implimentazzjoni tal-Pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu**
Informazzjoni mill-Kummissjoni



Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- g) **Ix-xahar Ewropew tad-Diversità**
Informazzjoni mill-Kummissjoni



Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- h) **Implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ**
Informazzjoni mill-Kummissjoni



Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- i) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena



Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Slovena.

SAĦĦA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 16. Regolament dwar rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fit-thejjja għall-kriżijiet u fil-maniġġar tagħhom għall-prodotti mediċinali u għall-apparati mediċi**  9406/21
12971/20
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill qabel dwar l-approċċ ġenerali kif jinsab fid-dok. 9406/21. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Presidenza tingħata l-mandat biex twettaq negozjati mal-Parlament Ewropew, abbażi tal-approċċ ġenerali maqbul.

- 17. Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard**  9620/21
12972/20
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar il-proposta għal Regolament dwar il-mandat tal-ECDC kif jinsab fid-dok. 9620/21.

- 18. Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE**  9622/21
12973/20 + ADD 1
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar il-proposta għal Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa kif jinsab fid-dok. 9622/21.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 19. Konklużjonijiet dwar l-Aċċess għall-mediċini u l-apparat mediku għal UE aktar b'saħħitha u reżiljenti**  9465/21
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet kif jinsabu fid-dok. 9465/21.

Affarijiet oħra

- 21. a) Proposti leġislattivi attwali**
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

Regolament dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa  5844/18 + COR 1
u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE

Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negojati dwar il-proposta dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u tal-interventi mill-Kummissjoni u d-delegazzjoni ta' SI.

- b) Inizjattivi globali tas-saħħa**  9623/21
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mill-Presidenza dwar l-Inizjattivi Globali tas-Saħħa u tal-interventi mill-Kummissjoni u d-delegazzjoni ta' CZ.

- c) Azzjoni Konġunta dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (JAMRAI) u s-sitwazzjoni attwali dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi**  9629/21
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-Azzjoni Konġunta tal-Unjoni Ewropea dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi u l-Infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa u dwar is-sitwazzjoni attwali tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u tal-interventi mid-delegazzjonijiet ta' FR, MT u NL kif ukoll tat-tweġiba mill-Kummissjoni.

- d) Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Apparati Medici
Informazzjoni mill-Kummissjoni

9631/21

- e) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena



Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni ta' SI.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" li jinsabu fid-dok. 9564/21

Dwar il-punt "B" nru 10: **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal**
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(2) u l-Artikolu 153(1)(j) tiegħu)
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, fejn id-dokument jirreferi għal "ġeneru", il-Polonja tinterpreta f'termini ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Dwar il-punt "B" nru 12: **Konklużjonijiet dwar l-impatt soċjoekonomiku tal-COVID-19 fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-Polonja tifhem "l-ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala li tirreferi għall-"ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa", f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 8 u 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, il-Polonja tifhem li kwalunkwe formulazzjoni li fadal li fiha "ġeneru" bħala li qed tirreferi għal "sess" f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19 paragrafu 1, u l-Artikolu 157 paragrafu 2 u 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

**Dwar il-punt "B" nru Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni
13: b'Diżabbiltà (2021-2030)**
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minħabba dawn ir-raġunijiet, il-Polonja tifhem il-formulazzjoni "ġeneru" bħala li qed tirreferi għal "sess" f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19 paragrafu 1, u l-Artikolu 157 paragrafu 2 u 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikoli 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE."

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 9566/21

Dwar il-punti "A"
nru 1:

Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

"Il-Kunsill u l-Kummissjoni jibqgħu impenjati li jippruvaw jevitaw interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd fl-ambitu tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli billi jaħdmu favur it-tiġdid f'waqtu tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-Protokollu ta' implimentazzjoni tagħhom."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jirrikonoxxu l-ħtieġa li tiġi avvanzata b'mod urġenti l-azzjoni dwar il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ekosistemi u tal-bijodiversità marini u kostali. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li l-indirizzar tat-telfien tal-bijodiversità, il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u/jew iż-żamma tagħhom f'kundizzjoni tajba jirrikjedu investiment pubbliku u privat sinifikanti fil-livell nazzjonali u Ewropew u li proporzjon sinifikanti tal-infiq tal-FEMSA jenħtieġ li jiġi investit fil-bijodiversità. It-tliet istituzzjonijiet jaqblu li l-Kummissjoni Ewropea ser taħdem mal-Istati Membri, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-FEMSA 2021-2027, biex tilħaq l-ambizzjoni ġenerali tal-infiq fuq il-bijodiversità enfasizzata fil-premessa 15."

DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA

"Il-Litwanja tappoġġa l-mira ġenerali tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għall-2021-207 li jipprova appoġġ għall-kisba ta' sajd u akkwakultura sostenibbli, l-iżvilupp ta' komunitajiet kostali lokali, il-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli, l-implimentazzjoni tal-politika marittima tal-Unjoni Ewropea favur ibħra u oċeani ġestiti b'mod sikur u sostenibbli, u għall-governanza internazzjonali tal-oċeani.

Il-Litwanja tqis il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd għall-2021-207 bħala l-għodda prinċipali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-miri tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE.

F'dan ir-rigward, il-Litwanja jiddispjaċiha li ċerti dispożizzjonijiet tar-regolament ma jirriflettux sew is-soluzzjoni kritika kontinwa tas-Sajd fil-Baħar Baltiku, tal-kondizzjonijiet tas-sajd u tal-bżonnijiet tal-flotot konċernati.

Il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi fl-4 ta' Diċembru 2020 ma indirizzax it-tfassib tagħna dwar l-applikazzjoni prattika tal-miżuri ta' appoġġ ta' flotot għall-bastimenti li joperaw fil-Baħar Baltiku u ma jipprovdux l-għodda neċessarji biex il-kapaċità tas-sajd tal-flotta tagħna tiġi aġġustata għall-opportunitajiet tas-sajd u biex il-flotta Baltika li fadal tinżamm vijabbli u attiva.

Għaldaqstant, il-Litwanja ma tistax tapprova l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tastjeni fil-votazzjoni."

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

"Il-proposta tipprevedi l-appoġġ għal kapaċità tas-sajd imsaħħa kif ukoll żieda sostanzjali fil-proporzjon tal-baġit tal-Fond li jista' jintuża għal miżuri marbuta mal-kapaċità tas-sajd. Il-proposta ma fihiex biżżejjed kundizzjonijiet biex tiġi evitata kapaċità żejda, li tista' twassal għal sajd żejjed. Il-proposta għalhekk tmur kontra l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE u t-tranżizzjoni lejn sajd sostenibbli kif ukoll l-impenji internazzjonali tal-UE fi ħdan il-qafas tal-Aġenda 2030. Għalhekk l-Iżvezja tivvota kontra l-proposta."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni aċċettat l-eliġibbiltà tal-investimenti abbord relatati mal-kontroll u mal-infurzar tas-sajd, kemm jekk obbligatori kif ukoll jekk le, u għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tqis li dawn l-investimenti ser jippermettu lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-FEMSA għall-kontroll u l-infurzar, biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament ta' Kontroll u regoli oħra tal-Politika Komuni tas-Sajd u biex itejbu b'mod sostanzjali l-kultura ta' konformità fis-settur tas-sajd. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistenna li – fil-kuntest tar-rieżami li għaddej tar-Regolament ta' Kontroll – il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jappoġġaw il-modernizzazzjoni tal-għodod ta' kontroll eżistenti u l-użu ta' teknoloġiji ġodda kif propost mill-Kummissjoni. Dan ifisser b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet intelliġenti għall-intraċċar u r-rapportar tal-qbid ta' bastimenti fuq skala żgħira, l-installazzjoni ta' sistemi għall-monitoraġġ kontinwu tal-potenza tal-magna, il-bidla għal sistemi ta' traċċabbiltà kompletament diġitalizzati li jkopru l-prodotti kollha tas-sajd (friski, iffriżati u pproċessati), u l-introduzzjoni ta' sistemi obbligatori ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod abbord bastimenti tas-sajd u abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, bħala l-uniku mezz effettiv biex tiġi kkontrollata l-applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u l-qabda inċidentali u l-qabdiet skartati ta' speċijiet sensittivi."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tieħu nota tad-diffikultajiet li s'issa kien hemm biex tingħata għajnuna mill-Istat għat-tiġdid tal-flotot fir-reġjuni ultraperiferiċi. Bil-ħsieb li jkun hemm żvilupp sostenibbli ta' dawk ir-reġjuni, il-Kummissjoni ser tagħmel hilita biex tgħin lill-Istati Membri jtejbju l-ġbir tad-data xjentifika meħtieġa biex jikkonformaw mal-kundizzjoni ta' eliġibbiltà stabbilita fil-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat bil-għan li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-linji gwida għall-eżaminazzjoni tal-għajnuna mill-Istat għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura fir-Reġjuni Ultraperiferiċi."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni Ewropea, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-FEMSA 2021-2027, ser thegġegħ b'mod attiv lill-Istati Membri biex jimmassimizzaw l-użu tal-miżuri inklużi fil-programmi tagħhom, b'mod partikolari skont l-Artikolu 25 (il-protezzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi), biex tintlaħaq l-ambizzjoni ġenerali li jiġi pprovdut infiq annwali fl-ambitu tal-QFP biex jiġi indirizzat it-telfien tal-bijodiversità, jiġu protetti u restawrati l-ekosistemi u jinżammu ekosistemi f'kundizzjonijiet tajbin kif ġej: 7,5 % tal-infiq annwali fl-ambitu tal-QFP għall-oġettivi tal-bijodiversità fis-sena 2024 u 10 % tal-infiq annwali fl-ambitu tal-QFP għall-oġettivi tal-bijodiversità fl-2026 u l-2027. Il-Kummissjoni ser timmonitorja b'mod regolari l-livell ta' dan l-infiq abbażi tan-nefqa eliġibbli totali ddikjarata mill-benefiċjarji lill-awtorità maniġerjali u fuq data sottomessa mill-Istat Membru. Meta l-monitoraġġ juri progress insuffiċjenti lejn l-ilħuq tal-ambizzjoni ġenerali, il-Kummissjoni ser tinvolvi ruħha b'mod attiv mal-Istati Membri fil-laqgħa annwali ta' rieżami sabiex tadotta miżuri ta' rimedju, inkluża emenda tal-programm."

Dwar il-punti "A" **nru 2:**

Regolament dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U L-KUMMISSJONI EWROPEA

dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027

"F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li, fl-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027, mill-ammont speċifikat fl-Artikolu 4(2), punt (a)(i), tar-Regolament CEF, ammont ta' EUR 1 384 000 000 (fi prezzijiet tal-2018) ser jintuża għat-tlestija ta' konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera kbar neqsin bejn l-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ġeneru" bħala "sess", f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Dwar il-punti "A"
nru 4:

Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF)
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA U S-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jiddispijaċihom mill-eżitu tan-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar it-test propost tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna. Meta wieħed iqis il-pożizzjoni tal-Kunsill, jiġifieri limitu ta' 50 % u esklużjoni ta' tagħmir tal-ICT, inqis l-proposta ta' compromess attwali tal-Artikolu 13(7) rigward il-limitu massimu għax-xiri ta' tagħmir bħala inaċċettabbli. Minflok test propost ta' limitu ta' 35 % mingħajr esklużjoni ta' tagħmir tal-ICT, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja setgħu jaċċettaw iż-żieda tal-limitu għal 50 % JEW iż-żamma tal-perċentwal ta' 35 % filwaqt li jiġi eskluż it-tagħmir tal-ICT minn dan il-limitu massimu.

Ix-xiri ta' tagħmir speċjalizzat ħafna huwa essenzjali għall-ħidma tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u b'hekk biex titħares is-sigurtà tal-Unjoni. Ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja ma jaraw ebda raġuni għal-limitazzjoni tax-xiri ta' tagħmir, li jservi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Fond, jiġifieri fuq kollha il-għieda kontra l-kriminalità serja u organizzata kif ukoll it-titjib tal-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri. Peress li x-xiri ta' tagħmir standard huwa pprojbit mill-premessa 20, it-tagħmir mixtri jkun speċjalizzat ħafna u jtejjeb il-kapaċitajiet tal-Istati Membri f'oqsma rispettati u b'hekk jissodisfa l-oġettivi tal-Fond.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jivvotaw kontra l-adozzjoni tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna."

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

"Il-Greċja tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-kalkoli attwali tal-allokazzjonijiet nazzjonali mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-kalkoli għall-perijodu 2021-27 jidhru li jirriżultaw f'finanzjament disponibbli li mhu b'ebda mod adegwat biex jiġu koperti l-ħtiġijiet attwali. Għalhekk hemm riskju imminenti li l-programmi ta' akkoljenza, integrazzjoni u protezzjoni mmirati għall-applikanti għal ažił u għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jitnaqqsu *jew anke jitneħħew*, xi ħaġa li hija kompletament mhux mixtieqa. Il-Greċja qed tistenna bil-ħerqa li taħdem b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni Ewropea sabiex ittaffi dan ir-riskju u tevita li tipperikola l-programmi minħabba nuqqas ta' fondi meħtieġa."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Nilqgħu l-isforzi biex jintlaħaq ftehim proviżorju mal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Ažił u l-Migrazzjoni (AMF); ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u r-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, kif jinsabu fid-dokumenti ST 6486/21, ST 6487/21 u ST 6488/21 rispettivament. Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-fondi rispettivi għall-2021-2027 malajr kemm jista' jkun, Malta tista' taċċetta l-ftehimiet proviżorji milħuqa.

Madankollu, Malta tfakkar fit-tħassib li tqajjem dwar il-kondizzjonalità ta' 10 % li, fir-rieżami ta' nofs it-terminu, hija inkluża orizzontalment għat-tliet fondi. Malta tibqa' tal-fehma li tali kondizzjonalità tqajjem diffikultajiet fl-implimentazzjoni u tista' tirriżulta f'telf bla bżonn ta' fondi."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Il-Polonja tappoġġa l-approċċ li d-diskussjoni dwar ir-Regolamenti dwar l-ISF, il-BMVI u l-AMIF għandha tiġi aċċellerata sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-finanzjament f'dawn l-oqsma, għalhekk aħna naqblu li naċċettaw il-verżjonijiet ta' kompromess. Fl-istess ħin, għadna mħassbin dwar l-Artikolu 13(7): *il-limitu tal-allokazzjoni ta' programm ta' Stat Membru għax-xiri ta' tagħmir, mezzi ta' trasport, eċċ.*

Id-dispożizzjonijiet rigward l-Artikolu 13(7) huma, mill-bidu nett, waħda mill-aktar kwistjonijiet importanti għall-Polonja. Appoġġajna bis-sħiħ il-verżjoni ta' kompromess tal-proposta tal-Kunsill (7.06.2019) biex il-limitu fuq l-allokazzjoni għax-xiri ta' tagħmir, mezzi ta' trasport, eċċ. jiżdied għal 50 %. Fi spirtu ta' kompromess, qbilna wkoll li nnaqqsu dan il-livell għal 35 %, iżda bl-esklużjoni tat-tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT).

Dawk id-dispożizzjonijiet iżidu l-kapaċità tat-tagħmir u l-infrastruttura tal-Istati Membri, li b'hekk żgur itejbu s-sigurtà interna tagħhom. Dan hu partikolarment importanti għall-Istati Membri li għadhom qed itejbu t-tagħmir, l-infrastruttura, il-kapaċitajiet operazzjonali tas-servizzi nazzjonali u l-istituzzjonijiet responsabbli għaż-żamma tas-sigurtà interna tagħhom, anke f'kollaborazzjoni ma' Stati Membri oħra.

Il-proġetti ffinanzjati mill-UE għandhom iġibu effetti għal żmien twil, u b'hekk isaħħu s-sigurtà ta' Stat Membru anke wara li proġett partikolari jkun tlesta. Kif turi l-esperjenza preċedenti, l-impriżi tal-ISF jikkonċernaw prinċipalment ix-xiri ta' tagħmir, infrastruttura (inkluż infrastruttura tal-IT), peress li attivitajiet bħal dawn jiggarrantixxu żieda permanenti fil-livell tas-sigurtà.

L-introduzzjoni ta' limitu fuq dawk l-attivitajiet ixkekkel lill-Fond milli jwieġeb għall-ħtiġijiet essenzjali tas-servizzi f'dan il-qasam. Attivitajiet "soft", laqgħat u skambju ta' informazzjoni huma importanti, iżda mingħajr faċilitajiet xierqa u teknoloġija moderna, jistgħu ma jkunux effettivi biżżejjed. B'mod partikolari, fiż-żmien attwali tal-pandemija tal-COVID-19, l-implimentazzjoni ta' attivitajiet bħal dawn hija diffiċli jew xi kultant impossibbli. Azzjonijiet li jirnexxu fil-qasam tas-sigurtà tal-UE jeħtieġu riżorsi u kapaċitajiet sostanzjali mill-Istati Membri.

Il-proposta attwali tal-ISF ma fihix l-esklużjoni tal-ICT minn dan il-limitu li diġà kien hemm qbil dwaru fil-pożizzjoni tal-Kunsill. Tista' twassal biex proporzjon sinifikanti tal-fond iddedikat għax-xiri ta' tagħmir jintefaq fuq tagħmir tal-ICT, li jista' jkun għali ħafna, u x-xiri ta' tagħmir ieħor ma jkunx possibbli. Għandu jiġi enfasizzat li x-xiri ta' tagħmir tal-ICT huwa għalkollox konformi mal-oġettivi tal-Fond u ma għandu b'ebda mod ikun limitat. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni l-ġdida tintroduċi piż amministrattiv kbir.

Din hija kwistjoni importanti għall-Polonja, u l-proposta attwali tal-ISF tista' toħloq problemi fl-implimentazzjoni tal-Fond fil-futur."

Dwar il-punti "A"
nru 5:

Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)

Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tastjeni u tfakkar fid-dikjarazzjoni mill-Awstrija għall-minuti tal-COREPER II tal-24 ta' Lulju 2020 kif ukoll fid-dikjarazzjoni mill-Awstrija għall-minuti tal-COREPER II tat-30 ta' Settembru 2020 u għall-minuti tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2020 rigward ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni (AMF)."

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

"Il-Greċja tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-kalkoli attwali tal-allokazzjonijiet nazzjonali mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-kalkoli għall-perijodu 2021-27 jidhru li jirriżultaw f'finanzjament disponibbli li mhu b'ebda mod adegwat biex jiġu koperti l-ħtiġijiet attwali. Għalhekk hemm riskju imminenti li l-programmi ta' akkoljenza, integrazzjoni u protezzjoni mmirati għall-applikanti għal ažił u għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jitnaqqsu jew *anke jitneħħew*, xi ħaġa li hija kompletament mhux mixtieqa. Il-Greċja qed tistenna bil-ħerqa li taħdem b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni Ewropea sabiex ittaffi dan ir-riskju u tevita li tipperikola l-programmi minħabba nuqqas ta' fondi meħtieġa."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Fil-fehma tagħna, il-migrazzjoni ser tibqa' waħda mill-isfidi ewlenin għall-Unjoni Ewropea fil-perijodu li ġej, u hemm bżonn li jiġu pprovduti strumenti finanzjarji adatti biex din l-isfida tiġi indirizzata b'mod olistiku. B'riżultat ta' dan, l-Ungerija tagħti prijorità lill-finanzjament ta' miżuri u oqsma ta' appoġġ relatati mal-effettività tal-attivitajiet fil-qasam tar-ritorn u l-prevenzjoni ta' movimenti sekondarji, kif ukoll dawk li jipprovdu finanzjament mill-UE għal kwalunkwe proġett li jkun ser jiġi implimentat fid-dimensjoni esterna.

Barra minn hekk, nixtiequ nindikaw li l-Ungerija għandha tħassib serju dwar il-kontenut tal-proposta, billi l-proposta tipprovdi ammont sproporzjonat ta' riżorsi għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà li jinkludi r-rilokazzjoni ta' dawk li jfittxu ažił bejn l-Istati Membri. B'hekk, dan jipperikola l-oġettivi ulterjuri tal-fond u permezz ta' dan jinkoraġġixxi t-tkomplija tal-abbuż sistematiku tas-sistema tal-ažił tal-UE.

Fl-aħħar nett, permezz tad-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-migrazzjoni legali, il-proposta tippresupponi l-ħtieġa għal kanali ta' migrazzjoni addizzjonali. Minn naħa, din mhijiex valutazzjoni reali, u min-naħa l-oħra, hija r-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri li jiddeċiedu kif jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tagħhom, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom u l-aspetti kostituzzjonali tagħhom. Fil-fehma tagħna, l-approċċ li jippreżenta l-migrazzjoni legali bħala għodda biex jingħata rispons kunsenswali għall-isfidi ekonomiċi u demografiċi li l-Istati Membri qed jiffaċċjaw bħalissa huwa fundamentalment problematiku. Fid-dawl tal-epidemija b'mod partikolari, l-Ungerija qed tiffoka fuq is-salvagwardja tal-impjiegi eżistenti u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif ukoll fuq il-politika tal-familja, aktar milli fuq l-inkoraġġiment tal-migrazzjoni, li minnha nnifisha ma ssolvix il-problemi u anke toħloq sfidi ġodda. B'riżultat ta' dan, l-Ungerija ma tistax taċċetta l-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni fil-forma attwali tiegħu, billi l-Ungerija temmen li l-fond ipogħi enfasi sproporzjonata fuq l-inkoraġġiment tal-migrazzjoni legali u l-finanzjament tal-integrazzjoni, u ser jippromwovi ż-żieda tal-migrazzjoni illegali billi jiffinanzja b'mod eċċessiv ir-rilokazzjoni ta' dawk li jfittxu ažił bejn l-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-Ungerija tqis li huwa eċċessiv li għar-rieżami ta' nofs it-terminu, sat-30 ta' Ġunju 2024, tal-inqas 10 % tal-allokazzjonijiet tal-fondi għandhom jiġu koperti mill-Istati Membri. Fil-fehma tagħna, din id-dispożizzjoni ser trendi l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-Istati Membri aktar diffiċli, li jmur kontra l-oġettivi segwiti mit-tliet fondi. Madankollu, fl-ispiritu ta' kompromess, l-Ungerija hija lesta li taċċetta dan il-kriterju strett."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Nilqgħu l-isforzi biex jintlaħaq ftehim proviżorju mal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni (AMF); ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u r-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, kif jinsabu fid-dokumenti ST 6486/21, ST 6487/21 u ST 6488/21 rispettivament. Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-fondi rispettivi għall-2021-2027 malajr kemm jista' jkun, Malta tista' taċċetta l-ftehimiet proviżorji milħuqa.

Madankollu, Malta tfakkar fit-tħassib li tqajjem dwar il-kondizzjonalità ta' 10 % li, fir-rieżami ta' nofs it-terminu, hija inkluża orizzontalment għat-tliet fondi. Malta tibqa' tal-fehma li tali kondizzjonalità tqajjem diffikultajiet fl-implimentazzjoni u tista' tirriżulta f'telf bla bżonn ta' fondi."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mal-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fil-livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, fejn ir-regolament jirreferi għal "ġeneru", il-Polonja ser tinterpretah li jfisser in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 8 u 10 TFUE."

Dwar il-punt "A"
nru 6:

Regolament li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI)
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA

"Il-Greċja tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-kalkoli attwali tal-allokazzjonijiet nazzjonali mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-kalkoli għall-perijodu 2021-27 jidhru li jirriżultaw f'finanzjament disponibbli li mhu b'ebda mod adegwat biex jiġu koperti l-ħtiġijiet attwali. Għalhekk hemm riskju imminenti li l-programmi ta' akkoljenza, integrazzjoni u protezzjoni mmirati għall-applikanti għal ažiż u għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jitnaqqsu jew *anke jitneħħew*, xi ħaġa li hija kompletament mhux mixtieqa. Il-Greċja qed tistenna bil-ħerqa li taħdem b'mod kostruttiv mal-Kummissjoni Ewropea sabiex ittaffi dan ir-riskju u tevita li tipperikola l-programmi minħabba nuqqas ta' fondi meħtieġa."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Nilqgħu l-isforzi biex jintlaħaq ftehim proviżorju mal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażiż u l-Migrazzjoni (AMF); ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) u r-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, kif jinsabu fid-dokumenti ST 6486/21, ST 6487/21 u ST 6488/21 rispettivament. Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-fondi rispettivi għall-2021-2027 malajr kemm jista' jkun, Malta tista' taċċetta l-ftehimiet proviżorji milħuqa.

Madankollu, Malta tfakkar fit-tħassib li tqajjem dwar il-kondizzjonalità ta' 10 % li, fir-rieżami ta' nofs it-terminu, hija inkluża orizzontalment għat-tliet fondi. Malta tibqa' tal-fehma li tali kondizzjonalità tqajjem diffikultajiet fl-implimentazzjoni u tista' tirriżulta ftelf bla bżonn ta' fondi."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVENJA

"Ir-Repubblika tas-Slovenja tappoġġa l-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali malajr kemm jista' jkun u tapprezza ħafna l-isforzi u l-effiċjenza ta' Presidenzi preċedenti fl-indirizzar ta' dawn it-tliet dossiers diffiċli ħafna (fondi).

Ir-Repubblika tas-Slovenja tilqa' l-inklużjoni ta' xi wħud mill-elementi proposti fil-proposta ta' compromess eżistenti; madankollu, xorta għadha ma tindirizzax b'mod adegwat is-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni ta' Schengen li mhumiex fruntieri esterni tal-UE, li hija xi ħaġa li bqajna nqajmu matul in-negożjati kollha.

In-negożjati kixfu d-diffikultajiet u l-konsegwenzi mhux mixtieqa kollha li r-Repubblika tas-Slovenja tista' tiffaċċa minħabba li l-istatus speċifiku ta' din il-fruntiera qatt ma ġie definit b'mod ċar jew b'mod adegwat fi strumenti legali differenti.

Matul is-snin li għaddew, il-leġislazzjoni tal-UE imponiet bosta obbligi addizzjonali li għandhom jiġu implimentati fil-fruntieri esterni, li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jinkludu l-fruntieri esterni ta' Schengen. Bdiet bl-introduzzjoni ta' kontrolli sistematiki obbligatorji tal-vjaġġaturi u d-dokumenti tal-ivvjaġġar kollha u issa mxiet għas-sistema ta' Dħul-Ħruġ, l-EUROSUR, kif ukoll il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u r-Regolament dwar l- "iskrinjar".

Ir-Repubblika tas-Slovenja hija konxja tal-obbligi tagħha u biġisiebha tirrispettahom kompletament. Minkejja dan, mhuwiex raġonevoli li jkun mistenni li l-ispejjeż kollha tal-aġġornamenti tal-infrastruttura jaqgħu kompletament fuq ir-Repubblika tas-Slovenja mill-baġit nazzjonali.

Aħna nqisu li huwa inaċċettabbli li dan iż-żmien kollu konna fi żvantaġġ meta mqabbel mal-pajjiżi fil-fruntiera "permanenti" ta' Schengen, u għalhekk nixtiequ nsibu soluzzjoni xierqa.

Konna qed niffaċċjaw l-istess problema fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali eżistenti (2014-2020), li fih l-istess limitazzjonijiet u li fil-prattika rriżultaw problematiċi ħafna.

B'din id-dikjarazzjoni, għalhekk, nixtiequ nenfasizzaw b'mod partikolari kemm huwa importanti li tingħata l-attenzjoni dovuta lis-sitwazzjoni speċifika fil-fruntieri esterni ta' Schengen li mhumix fruntieri esterni tal-UE.

L-Artikolu 5/4a ma jindirizzax b'mod adegwat l-ispeċifità ta' daww il-fruntieri interni fejn il-kontrolli għadhom ma tneħħewx. Il-premessa 24, bil-formulazzjoni attwali tagħha, ftit li xejn hija utli, peress li xorta ma tiġġustifikax l-investment fil-kostruzzjoni ta' infrastruttura għdida/addizzjonali fil-fruntiera mar-Repubblika tal-Kroazja.

Fil-prattika, għar-Repubblika tas-Slovenja dan ifisser li ma nistgħux niffinanzjaw, pereżempju, it-tkabbir ta' punti ta' qsim tal-fruntieri jew il-bini ta' infrastruttura għdida mill-fondi tal-UE, nistgħu biss naġġornaw (nissostitwixxu jew inżommu) l-infrastruttura eżistenti.

Ir-Repubblika tas-Slovenja temmen li l-problemi u l-konsegwenzi mhux mixtieqa kollha li nistgħu niffaċċjaw minħabba s-sitwazzjoni speċifika fil-fruntieri esterni tagħna ta' Schengen li mhumix fruntieri esterni tal-UE jistgħu jiġu evitati jekk il-bini, is-sistemi u l-attivitajiet jiġu inklużi fil-premessa 24 flimkien mal-infrastruttura."